MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru 333/2007

IL-PULIZIJA

(Spettur Daniel Zammit)

VS

Manuel Micallef
Aaron Cordina
Orazey Pulis
Max Micallef

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Manuel Micallef ta' 17-il sena, iben Biagio u Rita nee' Agius, imwieled Pieta' fl-24 ta' Jannar 1989 u residenti ManMax, Triq il-Marzabb, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 068089 (M) u Aaron Cordina ta' 18-il sena, iben Raymond u Dorothy nee' Theuma,

mwieled Pieta' fil-5 ta' April 1988 u residenti No 6 Flower, Triq il-Mulett, Xghajra u detentur tal-karta tal-identita' numru 0211288(M) u lil Orazey Pulis ta' 15-il sena, iben Benedict u Maria Angela nee' Vella mwieled Pieta' fit-13 ta' Novembru 1990 u residenti 22, Triq Dun Salv Sciberra, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 0546490(M) u lil Max Micallef ta' 15-il sena iben Biagio u Rita nee' Agius, mwieled Pieta' fil-31 ta' Dicembru 1990 u residenti ManMax, Triq il-Marzabb, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 037091(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F' Gunju 2006, gewwa Mediterranean Film Studios, Rinella u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, serqu dinghy ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

F' Gunju 2006 xjentament xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan isir f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mod iehor li jkunu indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Ottubru 2008 (esebit a fol. 30 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2008 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghhom kif registrata fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom, b'mod l-aktar

solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghhom, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li ghad ghandhom eta’ zghira, li ammettew l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghhom fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li qabdu t-triq it-tajba u rriformaw ruhhom.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja ta’ l-ewwel akkuza kif minnhom ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn (2) millum. In vista tal-fatt li t-tieni akkuza nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------